**A.L. 125 tal-2022**

**ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)**

**It-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu t-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar. Titolu u bidu fis-seħħ.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-2 ta' Mejju 2022.

**2.** (1) L-ordnijiet u r-regolamenti elenkati hawn isfel, maħruġa taħt l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, qegħdin jiġu mħassra: Tħassir. Kap. 465.

(a) Ordni dwar Projbizzjoni ta' Trasferiment; L.S. 465.15.

(b) Ordni dwar Perjodu ta' Kwarantina (Kuntatt ma' persuni oħra); L.S. 465.23.

(ċ) Regolamenti dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Iżolament Personali ta' Persuni li Għandhom Dijanjosi; L.S. 465.29.

(d) Regolamenti dwar l-Użu Mandatorju ta' Maskri Mediċi jew tad-Drapp; L.S. 465.48.

(e) Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Ċertu Postijiet ta' Divertiment; L.S. 465.50.

(f) Regolamenti dwar l-Għeluq ta' Stabbilimenti tal-Ikel u x-Xorb; L.S. 465.54.

(g) Regolamenti dwar Avvenimenti tal-Massa Organizzati; L.S. 465.57.

(h) Regolamenti dwar l-Infurzar tal-Ordni li jirrigwarda l-Għeluq ta' Postijiet Miftuħa għall-Pubbliku; L.S. 465.63.

(i) Ordni dwar l-Għeluq tal-Iskejjel; L.S. 465.64.

(j) Regolamenti dwar Attivitajiet Sportivi; L.S. 465.66.

(k) Ordni dwar l-Għeluq tal-Iskejjel tat-Tagħlim tal- L.S. 465.68.

Ingliż.

(2) Dawk il-protokolli jew l-i*standards* kollha maħruġa taħt kwalunkwe mir-regolamenti jew l-ordnijiet li qegħdin jiġu mħassra bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandhom ukoll jiġu mħassra:

Iżda s-Superintendent tas-Saħħa Pubblika tista', permezz ta' *standards,* tipprovdi għall-ħtieġa li tintlibes *visor* jew maskra medika jew ta' drapp:

(a) fuq l-ajruplani waqt titjiriet;

(b) ġewwa sptarijiet;

(ċ) ġewwa kliniċi mediċi; u

(d) ġewwa djar tal-anzjani u ġewwa djar għal kura ta' persuni b'diżabilità:

Iżda wkoll is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', permezz ta' *standards,* tipprovdi għall-ħtieġa li persuna rikoverata l-isptar, jew tgħix f'dar tal-anzjani, tissottometti ruħha għal perjodu ta' kwarantina jekk dik il-persuna tkun rikoverata jew tgħix, skont il-każ, fl-istess kamra ma' persuna oħra li tirriżulta pożittiva għall-COVID-19.

Dispożizzjoni tranżitorja. A.L. 125 tal-2022.

**3.** Kwalunkwe att, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tat-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar, għandhom jibqgħu jkunu regolati mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti u l-ordnijiet kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tat-Tieni Regolamenti tal-2022 dwar Revokar.

**L.N. 125 of 2022**

**PUBLIC HEALTH ACT**
**(CAP. 465)**

**Second Repealing Regulations, 2022**

IN EXERCISE of the powers conferred by articles 26 and 27(c) of the Public Health Act, the Minister responsible for public health, after consultation with the Superintendent of Public Health, has made the following regulations:-

**1.** (1) The title of these regulations is the Second Repealing Regulations, 2022. Citation and commencement.

(2) These regulations shall come into force on 2 May 2022.

**2.** (1) The orders and regulations listed hereunder, issued under the Public Health Act, are hereby being repealed: Repeal. Cap. 465.

(a) Travel Ban Order; S.L. 465.15.

(b) Period of Quarantine (Contact with other persons) Order; S.L. 465.23.

(c) Enforcement of the Order relating to Self-Isolation of Diagnosed Persons Regulations; S.L. 465.29.

(d) Mandatory Use of Medical or Cloth Masks Regulations; S.L. 465.48.

(e) Closure of Certain Places of Entertainment Regulations; S.L. 465.50.

(f) Closure of Food and Drink Outlets Regulations; S.L. 465.54.

(g) Organised Mass Events Regulations; S.L. 465.57.

(h) Enforcement of the Order relating to Closure of Places Open to the Public Regulations; S.L. 465.63.

(i) Closure of Schools Order; S.L. 465.64.

(j) Regulations on Sports Activities; S.L. 465.66.

(k) Closure of English Language Teaching Schools Order. S.L. 465.68.

(2) All those protocols or standards issued under any of the regulations or orders which are being repealed by virtue of these regulations shall also be repealed:

Provided that the Superintendent of Public Health may, by means of standards, provide for the requirement to wear a visor or medical or cloth mask:

(a) on airplanes during flights;

(b) in hospitals;

(c) in medical clinics; and

(d) in old people's homes and in care homes for persons with disability:

Provided further that the Superintendent of Public Health may also, by means of standards, provide for the requirement that a person recovered in hospital or residing in an old people's home, submits to a period of quarantine, if such person is recovered or resides, as the case may be, in the same room with another person who results positive to COVID-19.

Transitory provision. L.N. 125 of 2022.

**3.** Any act, decision or action taken before the coming into force of the Second Repealing Regulations, 2022, shall remain to be regulated by the provisions of the regulations and orders as in force prior to the coming into force of the Second Repealing Regulations, 2022.